

Ir-Raba' Ħadd tal-Għid

# Aħbar Tajba

Atti 13, 14. 43-52
Salm 99 (100), 2.3.5
Apok 7, 9.14b-17
Ġw 10, 27-30

F'dak iż-żmien, Ġesù qal:
**"In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja."**

Għandkom xi pet bħal xi kelb żgħir jew qattus? X'jiġri meta ssejjaħlu b'ismu? Wisq probabbli dara ismu u l-ħoss tal-vuċi tiegħek u kif issejjaħlu arah dlonk jiġi jiġri b'ilsienu barra lejk. Għalkemm daqsxejn ta' annimal il-vuċi tiegħek saret tfisser xi ħadd li jieħu ħsiebu, li jitimgħu u jgħinu. Għalhekk kull meta jisma' leħnek qalbu tistrieħ għax sar jafdak.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù qed jitkellem propju fuq dan, fuq il-fiduċja. Bħala eżempju jsemmi figura pjuttost komuni fi żmienu, ir-ragħaj. Ġesù jxebbaħ lilu nnifsu ma' ragħaj li tassew iħobb in-nagħaġ tiegħu u dan in-nagħaġ jafuh. Kif jisimgħu leħnu dlonk jitilqu kollox u jmorru warajh għax jafu li jistgħu jafdawh. Meta qegħdin miegħu moħħhom mistrieħ li ħadd mhu se jaħtafhom jew jagħmlilhom xi deni.

Ġesù qed jurina li Alla tagħna mhux Alla li kuntent joqgħod fit-tempju ta' Ġerusalemm jitpaxxa bis-sagrifiċċji u bl-inċens. Alla tagħna l-ħena tiegħu jkun magħna u jieħu ħsiebna. Kien għalhekk li bagħat 'il Ibnu l-waħdieni, biex tassew ikun ragħaj li jħobb in-nagħaġ tiegħu.

U tassew hekk kien. Ma kienx bħal wieħed mir-ragħajja mikrijin li meta jaraw l-għawġ dlonk idabbru rashom. Imma dan ir-ragħaj, quddiem il-periklu jxammar il-kmiem u jipproteġi l-merħla tiegħu. Ħajtu qattagħha jdur minn belt għall-oħra jgħallem u jgħin lil kull min seta' għax tassew kienu qishom merħla bla ragħaj. Ried jiġborhom biex jurihom liema hi t-triq li twassal għall-ferħ li ma jispiċċax. Minħabba f'hekk kien hemm min għer għalih imma baqa' jaħdem biex jiġbor il-merħla. Anke meta dan kien ifisser il-mewt ma qatax qalbu għax il-mewt ma kinitx it-tmiem.

U llum, dan l-istess ragħaj għadu jistedinna biex ningħaqdu mal-merħla tiegħu. Imma jħalli f'idejna. Jirrispettana wisq u jridna li nimxu warajh għax tassew irridu nimxu warajh. Għalhekk ejjew ta' spiss niftakru f'dan ir-ragħaj tagħna. Fil-mumenti sbieħ nirringrazzjawh tagħhom u meta nkunu għaddejjin minn żmien diffiċli u mudlam nitolbuh jgħinna. Ejjew bħall-Kardinal John Henry Newman nitolbuh ikun magħna.
"Id-dalma tal-lejla waslet
u jiena bogħod mid-dar,
mexxini int, Mulejja,
mexxili lil riġlejja;
ma nitolbokx turini fejn
għandi nasal; għalija
l-pass li jmiss biżżejjed."

Sib il-Kelma

Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kliem moħbija marbuta mas-silta li qrajna llum. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.

ĠESÙ, RAGĦAJ, NAGĦAĠ, JISIMGĦU, LEĦNI,

NAGĦRAFHOM, JIMXU, WARAJJA, ĦAJJA, MISSIER.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | A | F | W | A | R | A | J | J | A |
| Ċ | IE | N | U | K | O | T | L | M | N |
| E | N | A | GĦ | A | Ġ | Ż | R | A | J |
| Ġ | P | GĦ | X | I | R | K | A | S | I |
| E | B | R | E | Ħ | A | L | GĦ | U | S |
| S | V | A | T | A | N | E | A | M | I |
| Ù | Z | F | Ż | J | Ġ | Ħ | J | P | M |
| X | I | H | A | J | O | N | L | W | GĦ |
| F | D | O | E | A | J | I | M | X | U |
| T | A | M | I | S | S | IE | R | I | J |



## Il-Vokazzjoni

Minn żmien għal żmien ġieli nisimgħu din il-kelma – Vokazzjoni. Imma xi tkun vokazzjoni? Vokazzjoni hi xi tip ta' ħidma li wieħed jagħmel għax iħoss li tagħmel sens kbir f'ħajtu. Dan jista' jkun il-kas għal tabib li jaħdem sigħat twal imma kuntent li qed jgħin tant nies. Għalina l-Insara din il-kelma tieħu tifsira ġdida. Għalkemm kultant naħsbu li din il-kelma tirreferi għall-ħajja tas-saċerdoti u r-reliġjużi, propjament vokazzjoni hi l-ħajja ta' kull Nisrani u Nisranija. Kull Nisrani, mill-kappillan sal-ġenituri tagħna, mill-patri jew is-soru sal-iżgħar fost it-tfal, kollha għandhom l-istess vokazzjoni, li f'ħajjithom jgħixu l-valuri tal-Evanġelju, jiġifieri li jkunu nies ta' ħniena u mħabba kbira. X'uħud mill-Insara jgħixu dawn il-valuri fil-familja billi jgħinu lil uliedhom jikbru f'persuni għal qalb Alla. Oħrajn jagħżlu li jgħixu dawn il-valuri bil-ħidma tagħhom bħal ħafna li jqattgħu l-ħin liberu tagħhom f'xi forma ta' ħidma volontarja jew missjunarja. Hemm ukoll dawk li huma msejħa għall-ħajja kkonsagrata, bħas-saċerdoti u r-reliġjużi, li bil-ħidma u t-talb tagħhom isostnu lill-Insara l-oħra. Madankollu dawn kollha huma forom differenti tal-istess vokazzjoni – Il-Ħajja Nisranija.



Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.





### Promozzjoni

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100




mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION